# PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

# IMHALLEF

# ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A., LL.D., A R HIST S

**Seduta tal-Hamis, 24 ta' Mejju, 2001**

**Numru: 2**

**Citazzjoni Numru: 154/86 JF**

**Philip Long ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Middle Sea Insurance Company Limited.**

**vs**

**Paul Mifsud u Norman Mifsud bhala diretturi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Mifsud Brothers (Shipping and Travel) Limited u dina bhal agenti tas-socjeta' Gilnavi, proprjetarji jew**

**armatrici tal-vapur EMADALA u Philip Grech bhal chairman, u Christopher Grech u Charles Zammit, diretturi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Kirton and Company u dina bhala agenti tas-socjeta' Farrell Lines, proprjetarji jew armatrici tal-vapur ARGONAUT, u Gul Mohnani u Frank Farrugia bhala diretturi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Universal Import and Export Limited u dina bhala agenti u in rapprezentanza tad-ditta Burlington Export Company, u b'digriet tat-12 ta' Novembru 1986 il-kliem Burlington Export Company gie sostitwit bil-kliem Burlington Industries Inc. U b'nota tas-26 ta' Dicembru 1986 Dottor Max Ganado fil-kwalita' tieghu bhala prokuratur specjali ta' Gilnavi assuma l-atti tal-kawza fl-ismijiet premessi. U**

**b'digriet ta' l-10 ta' Mejju 1999 giet imsejha fil-kawza s-socjeta' O.F. Gollcher Ltd. bhala agenti in rapprezentanza tas-socjeta' estera Farrell Lines.**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni ta' l-attur nomine li biha premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess li s-socjeta' Clothing Industries (Manufacturing) Company Limited, importat gewwa Malta erba' mija u ghaxra (410) "rolls" tal-materjal Denim mill-Istati Uniti minghand is-socjeta' Burlington Export Company, rapprezentata Malta mis-socjeta' konvenuta Universal Import and Export Limited fuq il-vapur ARGONAUT;

U premess li dan il-vapur gie skarikat gewwa Napli, l-Italja fejn il-merkanzija tghabbiet ghal fuq il-vapur EMADALA li wasal Malta fl-10 ta' Frar 1985;

U premess li meta l-vapur gie skarikat Malta u l-merkanzija giet kunsenjata lill-importatur instab illi numru ta' "rolls" minn dan il-materjal

kien nieqes, u dan in-nuqqas kien relattiv ghall-polza tal-kariku numru N 02965 (Dok A);

U premess li ghal dan in-nuqqas is-socjeta' attrici, li assikurat din il-merkanzija, hallset lill-importatur is-somma ta' disat elef, sitt mija u hamsa u ghoxrin liri Maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm 9,625.88) u ghalhekk din is-socjeta' giet surrogata fid-drittijiet tal-importatur (Dok B);

U premess li s-socjetajiet konvenuti nomine jew min minnhom huma responsabbli ghan-nuqqas fuq indikat;

Talab li dina l-Qorti:

1. Tiddikjara lill-istess konvenuti nomine jew min minnhom responsabbli ghan-nuqqasijiet sofferti mis-socjeta' Clothing Industries (Manufacturing) Company Limited;

2. Tikkundannhom ihallsu lill-attur nomine is-somma ta' Lm 9,625.88 bl-interessi skond il-ligi mill-21 ta' Novembru 1985 in linea ta' danni sofferti mill-assikurat u li ssurroga d-drittijiet tieghu kif intqal;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Philip Grech bhala Chairman u Christopher Grech u Charles Zammit, diretturi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Kirton & Company Limited fejn eccepew:

Illi d-domandi attrici, in kwantu diretti kontra s-socjeta' Kirton and Company Ltd. u dina bhala agenti tas-socjeta' Farrell Lines, proprjetarja jew armatrici tal-vapur ARGONAUT huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante illi l-vapur ARGONAUT accettat li titrasporta zewg "containers said to contain X rolls denim" kif jirrizulta mill-polza Dok X u li kkunsinjat dawn iz-zewg "containers" bis-sigilli intatti, kif huwa pprovat mic-certifikat tad-Dwana Dok Y.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konenuti Philip Grech, Christopher Grech u Charles Zammit nomine fejn eccepew:

Illi l-azzjoni hija rritwali peress li ma jistghax jintalab, kif qieghed jintalab fl-ewwel talba tac-citazzjoni illi l-konvenuti jigu dikjarati responsabbli ghal nuqqasijiet sofferti mis-Socjeta' Clothing Industries (Manufacturing) Company Limited meta din l-istess socjeta' ma hijiex u lanqas parti fil-kawza.

Illi minghajr pregudizzju tal-premess stante li t-tieni talba hija konsegwenza logika tal-ewwel talba li ma hijiex legalment sostenibbli segwi li anke din it-tieni talba hija rritwali u ghandha tigi michuda bl-ispejjez.

Illi minghajr pregudizzju tal-premess l-attur nomine ghandu jesebixxi l-iskrittura tas-surroga ta' drittijiet.

Illi fil-meritu l-eccipjenti ma humiex responsabbli ghad-danni peress li jekk kien hemm xi nuqqasijiet dawn ma avverewx ruhhom meta l-merkanzija kienet taht il-kontroll taghhom.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Gul Mohnani u Frank Farrugia nomine li eccepew li preliminarjament:

Illi Gul Mohnani u Frank Farrugia ghan-nom u in rapprezentanza ta' Universal Import and Export Limited ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju u dan stante illi Universal Import and Export Limited ma ghandhiex ir-rapprezentanza gudizzjarja ta' Burlington Industries Inc.

Sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghall-permess in-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' din il-Qorti;

Sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghall-permess illi l-azzjoni hija preskritta.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Avukat Dottor Max Ganado fil-kwalita' tieghu bhala mandatarju tas-socjeta' Gilnavi li eccepew:

1. Illi ma hemm l-ebda relazzjoni bejn l-attur noe u l-konvenut noe u ghalhekk il-konvenut m'hu b'ebda mod responsabbli lejn l-attur noe u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi minghajr pregudizzju l-konvenut ircieva l-merkanzija go "containers" sigillati u kkonsenjahom fl-istess stat u ghalhekk m'huwiex responsabbli ghat-telf tal-attur noe, u t-talbiet tal-attur noe ghandhom jigu michuda.

3. Illi wkoll minghajr pregudizzju r-responsabilita' tal-konvenut noe hija limitata skond il-polza ta' kariku l-ligi.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta’ kjamata in kawza O.F. Gollcher & Sons Limited bhala agenti in rapprezentanza tas-socjeta’ estera Farrell Lines fejn eccepiet hekk:

Illi in linea preliminari, l-irritwalita’ tad-digriet moghti fl-10 ta’ Mejju 1999 li bih giet kjamata in kawza s-socjeta’ O.F. Gollcher & Sons Limited bhala agent in rapprezentanza ta’ Farrell Lines. In effetti bis-sahha ta’ dan id-digriet giet kjamata in kawza socjeta’ li diga’ tinsab citata fic-citazzjoni originali ghalkemm tramite socjeta’ ohra u cjoe’ Kirton & Company Limited. Fic-cirkostanzi ma hemmx lok ghal kjamata in kawza kif mitluba mill-attur u sakemm ma jigix rimedjat dan id-difett procedurali, l-esponenti ma jarax kif jistghu b’xi mod jaghtu eccezzjonijiet ohra fil-mertu tal-kaz ghaliex altrimenti ser ikun dupplikazzjoni ta’ eccezzjonijiet ghan-nom tal-istess socjeta’ estera. Semmai l-attur imissu jirregola ruhu billi jitlob il-korrezzjonijiet necessarji.

Illi minghjar pregudizzju ghall-premess u ghal kull buon fini, jigi eccepit dwar il-mertu illi t-talbiet attrici fil-konfront tal-istess socjeta’ kjamata in kawza huma infondati fil-fatt u fid-dritt billi m’humiex responsabbli ghall-ebda hsarat u / jew nuqqasijiet u in oltre kwalunkwe responsabbilta’ li jista’ jkun hemm hija limitata skond il-ligi u l-polza ta’ kariku.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti, il-listi tax-xhieda taghhom flimkien mad-dokumenti li gew esebiti;

Semghet lix-xhieda prodotta;

Rat l-atti tal-kawza u senjatament id-decizjoni in parte moghtija minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, u dan fit-28 ta' Mejju 1993 fejn giet akkolta l-ewwel eccezzjoni preliminari ta' l-Avukat Dottor Max Ganado fil-kwalita' tieghu bhala mandatarju tas-socjeta' Gilnavi, proprjetarja jew armatrici tal-vapur EMADALA u fejn allura dina l-istess socjeta' konvenuta giet liberata mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez kontra l-attur nomine u bl-ordni li l-kawza titkompla fil-konfront tal-konvenuti l-ohra;

Rat ukoll il-verbal datat il-15 ta' Dicembru 1997 (a fol. 170 – 171) li fih inter alia Dottor Philip Manduca ghas-socjeta' konvenuta Universal Import and Export Limited irtira l-ewwel eccezzjoni – kif tidher a fol. 23 tal-process.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-kontendenti;

Trattata ezawrjentement il-kawza;

Ikkunsidrat li din hija kawza maghrufa komunement bhala “marine cargo claim” in konnessjoni ma’ ordni ta’ importazzjoni maghmula mis-socjeta’ Clothing Industries (Manufacturing) Co. Limited li importat f’Malta mill-Istati Uniti ta’ l-Amerika, 410 “rolls” ta’ drapp “denim”, liema merkanzija waslet lokalment fuq il-vapur EMADALA fl-10 ta’ Frar 1985, wara li giet trasbordata fil-Port ta’ Napli, fl-Italja.

Illi mill-provi jirrizulta li meta z-zewg “containers” li fihom kien hemm il-merkanzija nfethu, instab illi tnejn u hamsin (52) “rolls” kienu neqsin. Is-socjeta’ assikuratrici, wara li saritilha “claim” min-naha tal-importatur assikarat maghha, hallset lill-assikurat u dan issurrogaha fid-drittijiet tieghu ghal fini ta’ rimborz. Id-danni gew’ ikkwantifikati ghall-ammont ta’ Lm 9,625.88c, rapprezentanti l-prezz tal-merkanzija nieqsa, flimkien ma’ l-interessi.

Fil-kors tas-smiegh tal-kawza qam punt ta’ natura procedurali u dan billi in konsegwenza tad-digriet ta’ din il-Qorti, kif diversament presjeduta, moghti fil-10 ta’ Mejju 1999, giet milqugha t-talba ta’ l-attur nomine ghall-kjamata fil-kawza tas-socjeta’ O.F. Gollcher and Sons Limited bhala agenti u in rapprezentanza tas-socjeta’ estera Farrell Lines stante li aktar qabel is-socjeta’ konvenuta Kirton & Co. Ltd. kienet informat lill-Qorti li hija ma kienetx baqghet tirrapprezenta lill-Farrell Lines u dan l-

ghaliex minflokha dahlet is-socjeta' O.F. Gollcher & Sons Ltd. Din is-socjeta' kkjamata fil-kawza eccepiet l-irritwalita' tad-digriet surreferit ghax jikkontendi li dak li suppost sar kienet korrezzjoni u mhux kjamata fil-kawza. Dwar dina l-oggezzjoni, dina l-Qorti, tenut kont issa tad-digriet gja' moghti kif fuq inghad, jidhrilha li bil-mod kif wiegbet din is-socjeta' fis-sens li skond ir-rapprezentant taghha, Karl Gollcher, huma ma kienu rcevew u ma jafu b'ebda kawza jew "claim" pendenti kontra Farrell Lines la minghand din is-socjeta' estera u lanqas minghand l-ex-agent taghha s-socjeta' Kirton & Co. Ltd, ifisser mela li f'dan l-istat ta' incertezza, ma sar xejn hazin li din is-socjeta' tigi citata wkoll in kawza ghar-raguni li di fronte l-attur nomine, jew hi jew inkella Kirton & Co. Ltd.. fil-kaz kongruwu, jistghu jigu kkundannati biex jaghmlu tajjeb ghal xi responsabbilta' da parti ta' Farrell Lines. Fi kliem iehor, una volta li ma giex iccarat sew min minnhom tassew assuma r-responsabbilita' li jidher f'dawn il-proceduri ghan-nom ta' Farrell Lines, ic-citazzjoni setghet tkun miftuha kontrihom it-tnejn. Ghalhekk dina l-ewwel eccezzjoni ta' natura preliminari qeghda tigi michuda.

<u>PROVI DWAR IL-MERITU</u>

Illi mill-provi m'hemmx dubju li bhala fatt hemm provi bizzejjed li juru li tassew kien hemm 52 "rolls" neqsin, u li dawn kienu jqumu Lm9,625.88c, ezatt kif gie mitlub fl-att tac-citazzjoni. Jirrizulta wkoll li

saret il-"claim" dwarhom mill-importatur assikurat mas-socjeta' attrici, liema "claim" giet saldata u saret is-solita surrogazzjoni biex is-socjeta' assikuratrici li hallset il-"claim" setghet tagixxi kontra min dehrilha li kien fl-ahhar mill-ahhar legalment responsabbli.

L-attur nomine jissottometti li hawn si trattava ta' "a through Bill of Lading" minn Farrell Lines li allura kien ikopri l-vjagg intier, kompriz meta jsir trasbord kif gara f'dan il-kaz. Fil-fatt jirrizulta li l-merkanzija tghabbiet mill-Istati Uniti fuq il-vapur ARGONAUT; giet skarikata Napli u trasbordata fuq il-vapur EMADALA bir-rimarki kollha f'lokhom, u b'certifikazzjoni li,

*"all seals were found intact at time of release".*

Ifisser li n-nuqqasijiet ma setghux saru wara li l-merkanzija giet taht il-kustodja tad-Dwana ta' Malta, izda qabel ma z-zewg "containers" gew issigillati f'Napli, u meta allura kien ghadu kollox kopert bit-"Through Bill of Lading".

Is-socjeta' kkjamata fil-kawza tichad kull repsonsabbilita' da parti ta' Farrell Lines billi x-"shipper"gie indikat espressament bhala Burlington Export Company – is-socjeta' speditrici, u dan taht polza "house to house". Il-kaptan hareg biss ricevuta ta' dak li rcieva, jigifieri zewg "containers" sigillati, liema operat hu konsonanti mat-terminologija ta' "shipper Load and Count", u dan dejjem taht il-kwalifika addizzjonali ta'

"said to contain". L-obbligu jibqa' dejjem fuq l-attur li jgib l-ahjar prova ta' l-istat jew kwantita' tal-merkanzija li effettivament giet mghobbija abbord.

Min-naha taghha, is-socjeta' konvenuta Universal Import & Export Limited nomine irreferiet ghall-polza ta' kariku li tezonera ghal kollox lis-socjeta' estera speditrici minn kwalsiasi responsabbilta', u dan apparti l-konsidrazzjoni l-ohra li t-tragitt de quo kien wiehed "Through Bill of Lading", aktar u aktar meta giet effettwat trasbord f'Napli.

Il-Qorti, wara li hadet kont tas-suespost, hija tal-fehma li trattandosi ta' tragitt bis-sistema "Through Bill of Lading" kien jispetta maggorment lill-Farrell Lines li turi li hija tabilhaqq ma kenitx responsabbli ghall-fatt li 52 "rolls" ma gewx ikkonsenjati u mwassla ghand id-destinatur. Illi kif jghid l-awtorevoli Tetley, (ara Marine Cargo Claims, p. 61, 1965 Ed)

> *"If the carrier doubts a statement of the shipper he should not put on the bill of lading a statement he doubts".*

Jekk il-"carrier" kellu ghal x'hiex jiddubita li ma rceviex il-merkanzija kollha minghand l-attur nomine huwa messu nnota dan id-dubju u mhux jghid li effettivament huwa rcieva l-merkanzija de quo abbord fis-7 ta' Jannar 1985 (ara s-survey report maghmul mill-Mediterranean Survey

Bureau Limited a fol. 7 et seq tal-process, markat Dok C). il-konkluzjoni tas-“surveyors” (fol. 15) kienet li huma ma kienux f’qaghda li jikkonkludu b’certezza “whether the missing bundles from the consignment were short shipped or tampered with”. Madanakollu fl-istess rapport hemm imnizzel li ghalkemm il-“consignees” wiegbu u ghaddew it-taghrif lilhom rikjest, il-“carriers”, ossija l-Farrell Lines m’ghamlux l-istess. Illi mill-polza ta’ kariku hemm il-prova juris tantum tal-“gross weight” tal-merkanzija ricevuta abbord il-bastiment. Sakemm xi hadd ma jippruvax li din it-tghabija kienet anqas minn kif suppost, il-presunzjoni tibqa’ li l-merkanzija tghabbiet kollha. Di piu’, meta l-merkanzija nhattet Napli u giet mghobbija minn fuq il-bastiment ARGONAUT ghal fuq l-EMADALA tali operazzjoni kienet ukoll fir-responsabbilta’ tal-“carrier”. Ma hemm ebda prova li s-socjeta’ Burlington Industries Inc., kif rapprezentata f’din il-kawza kienet b’xi mod responsabbli. Jirrizulta fl-ahharnett li fl-istat ta’ incertezza espress mis-socjeta’ kkjamata fil-kawza li suppost issubentrat bhala agenti lokali ta’ Farrell Lines minflok dik konvenuta, ifisser li dawn iz-zewg socjetajiet, jigifieri Kirton and Company Limited u O.F. Gollcher & Sons Limited bhala agenti in rapprezentanza tas-socjeta’ estera Farrell Lines, ghandhom jitqiesu u jinzammu t-tnejn responsabbli in solidum fil-konfront tat-talbiet attrici;

Ghal dawn ir-ragunijiet;

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok taghmel riferenza ghad-decizjoni in parte moghtija fit-28 ta' Mejju 1993, tichad it-talba in kwantu diretta kontra l-konvenuti Gul Mohnani u Frank Farrugia in rapprezentanza ta' Universal Import and Export Limited bhala agenti u in rapprezentanza ta' Burlington Industries Inc., bl-ispejjez gudizzjarji relativi kontra l-attur nomine; tilqa' t-talbiet kollha attrici kif dedotti u ghall-ammont mitlub kontra s-socjetajiet Kirton and Company Limited u O.F. Gollcher & Sons Limited in solidum u ghalhekk qeghda tikkundannahom biex ihallsu lill-attur nomine l-ammont tas-sorte flimkien mal-interessi kif mitlubin fl-att tac-citazzjoni sal-pagament effettiv, u li jhallsu wkoll il-Kap ta' l-ispejjez, salv dak li gie deciz dwar il-konvenuti l-ohra.

## ONOR. IMHALLEF JOSEPH A. FILLETTI

Deputat Registratur

md